

Bħala medja, in-nisa fl-UE jaqilgħu 17.4% inqas mill-irġiel



Naqqas id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel
<http://ec.europa.eu/equalpay>



PAGA UGWALI
GĦAL XOGĦOL
TA' VALUR UGWALI
<http://ec.europa.eu/equalpay>



Il-valur tax-xogħol tagħna huwa l-istess?

Sors: Eurostat. Stħarriġ dwar l-Istruttura tad-Dħul 2006 u sorsi nazzjonali (2007) għal estimi annwali kumparabbli mil-lat ta' SES. Dejta proviżorja għall-UE-27, BE, BG, EE, EL, ES, FI, FR, IT, MT u UK.

Naqqas id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel

X'inhom d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel?

- Bħala medja, in-nisa fl-UE jaqilgħu madwar 17,4% inqas mill-irġiel
- Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u l-pagi tan-nisa (abbażi tal-qliġ fis-siegħa fl-ekonomija ġenerali)
- F'xi pajjiżi d-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel qiegħda tikber
- Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija kwistjoni kumplessa b'kawżi multipli spiss relatati ma' xulxin
- L-effett tad-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel fuq id-dħul tul il-ħajja jfisser li n-nisa jkollhom pensjonijiet aktar baxxi u riskju akbar ta' faqar

Tifel jew tifla, opportunitajiet indaqs?



Dan jagħmel sens għal kulħadd

L-opportunitajiet tan-nisa għall-avvanz u paga oġġla fuq il-post tax-xogħol huma affettwati mir-responsabbiltajiet familjari tagħhom.

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tiżdied meta n-nisa jkollhom it-tfal u meta jkunu jaħdmu part-time.

Ir-rata ta' impjeg għan-nisa bi tfal dipendenti hija biss ta' 62.4% meta mqabbla ma' 91.4% għall-irġiel li għandhom it-tfal. Aktar minn tliet kwarti tal-ħaddiema part-time huma nisa (76.5%).

Il-valur tax-xogħol tagħna huwa l-istess?



Il-karriera tiegħi sejra tmur minn taħt jekk ikolli t-tfal?



In-nisa u l-irġiel għad għandhom tendenza li jaħdmu f'impjegi differenti. In-nisa spiss jaħdmu f'setturi fejn il-pagi huma, bħala medja, aktar baxxi minn dawk dominati mill-irġiel.

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel teżisti anki jekk in-nisa jirrappreżentaw daqs 59% tal-gradwati kollha tal-università.

Il-ħiliet u l-kompetenzi tan-nisa huma sottovalutati b'mod speċjali f'dawk il-professjonijiet fejn jippredominaw in-nisa.

L-istess xogħol, l-istess pensjoni?



L-isterjotipi jsawwru r-rwoli tan-nisa u l-irġiel fis-soċjetà, minn età tenera ħafna.

Filwaqt li dan jista' jirrifletti preferenzi personali, it-tradizzjonijiet u l-isterjotipi jistgħu jinfluwenzaw, per eżempju, l-għażla tat-toroq edukattivi u l-istili ta' impjeg.

Id-diskrepanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel tnaqqas il-qliġ ta' tul il-ħajja u l-pensjonijiet tan-nisa.

Meta n-nisa jirtiraw il-pensjoni aktar baxxa tagħhom tisser riskju akbar ta' faqar.